MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-20 ta' Ġunju, 2018

Rikors Maħluf Numru 608/2015 LM

**Romina Fenech Massa (KI 10075M)**

***vs.***

**Carmelo Desira (KI 98754M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-24 ta' Ġunju, 2015 mill-attriċi **Romina Fenech Massa** (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), u maħluf minnha stess, li jgħid kif ġej:

*Illi fil-perijodu ta' Diċembru 2011, Diċembru 2012 u l-perijodu ta' bejn Jannar sax-xahar ta' Awwissu 2013 waqt li r-rikorrenti kienet qiegħda tagħmel xogħol ta' 'customer care front desk' ġewwa r-Rehabilitation Projects Office fil-Belt Valletta hija sfat sesswalment abbużata mill-intimat kif ser jirriżulta waqt il-ġbir tal-provi f'din il-kawża;*

*Illi fil-fatt, ir-rikorrenti kienet irrappurtat dan l-abbuż lill-Pulizija Eżekuttiva, li min-naħa tagħha ħadet passi kriminali kontra l-intimat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Illi fil-proċeduri quddiem il-Maġistrat Dr Audrey Demicoli, l-intimat ammetta l-akkużi kriminali miġjuba kontra tiegħu u fis-sena 2014 ingħata sentenza definittiva;*

*Illi kawża ta' dan l-abbuż, ir-rikorrenti sofriet danni attwali u anke futuri kif ser jirriżulta waqt il-kawża u per konsegwenza hija sofriet debilità permanenti kif ikkonstataw it-tobba u speċjalisti kuranti tal-attriċi;*

*Illi interpellat sabiex jersaq għall-assunzjoni u likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti l-intimat baqa' inadempjenti u għalhekk kellhom jittieħdu dawn il-proċeduri:*

*Għaldaqstant, jgħid l-intimat konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

1. *Tiddikjara li l-intimat bl-aġir abbużiv u kriminali tiegħu meta huwa abbuża sesswalment mir-rikorrenti fuq il-post tax-xogħol fiż-żmien indikat aktar 'il fuq, ikkaġuna danni lill-attriċi, liema danni huma l-konsegwenza ta' debilità permanenti li hija sofriet kif ser jirriżulta;*
2. *Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti u dana bl-assistenza jekk meħtieġa ta' periti nominandi;*
3. *Tordna lill-intimat konvenut iħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.*

   *Bl-ispejjeż, bl-imgħax legali sal-ħlas effettiv u b'hekk il-konvenut minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Carmelo Desira** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-28 t'Awwissu, 2015, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

1. *Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi kienet l-attriċi illi volontarjament ipparteċipat f'attivitajiet sesswali mal-intimat u dan għal perijodu ta' żmien u għaldaqstant japplika l-prinċipju volenti non fit iniuria;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fit-tieni lok, l-esponent ma għandu ebda responsabilità ċivili u dana kif ser jiġi ppruvat fil-kors u t-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*3. Illi t-talbiet attriċi huma insostenibbli stante illi l-attriċi ma sofriet ebda dannu fiżiku jew debilità permanenti kwantu illi fil-mertu t-talba attriċi qed tiġi kkontestata;*

*4. Illi jekk, in pessima ipotesi, l-attriċi qed tbati minn xi kundizzjoni medika, għandha qabel xejn tipprova illi din il-kundizzjoni hija riżultat dirett ta' dak li qed tallega, in kwantu illi fl-mertu t-talba attriċi qed tiġi kkontestata;*

*5. Illi fi kwalunkwe każ, l-attriċi trid tipprova d-danni sofferti peress li huwa inkonċepibbli li d-danni li qed tirreklama permezz tal-azzjoni odjerna jistgħu jissussistu fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti minn ġurisprudenza lokali, u għalhekk f'dan ir-rigward, l-azzjoni ma tistax tkun korretta.*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi bil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-konvenut.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

L-attriċi qiegħda tirreklama danni mingħand il-konvenut, wara li tallega li fil-perijodu bejn Diċembru tas-sena 2011 u Diċembru tas-sena 2012 u bejn

Jannar u Awwissu tas-sena 2013, hija ġiet abbużata sesswalment fuq il-post tax-xogħol mill-konvenut, li kien impjegat bħalha fir-Rehabilitation Projects Office, il-Belt Valletta. Qabel fetħet il-proċeduri odjerni l-attriċi kienet diġà għamlet kwerela lill-Pulizija Eżekuttiva, liema kwerela ġiet segwita minn proċeduri kriminali kontra l-konvenut, li ammetta l-akkużi kriminali miġjuba kontra tiegħu u fis-sena 2014 ingħata sentenza definittiva fejn kien weħel tnax-il xahar ħabs sospiżi għal sentejn. L-attriċi qiegħda tallega li minħabba l-imġiba tal-konvenut tul ix-xhur li fihom kien hemm dan l-abbuż, hi sofriet debilità permanenti kawża tat-trawma li għaddiet minnha, liema debilità wasslet biex l-attriċi kellha tieħu kura kemm psikjatrika kif ukoll għand psikoterapista, u li dan kollu wassalha biex issofri danni kemm attwali kif ukoll futuri. Permezz ta' din l-azzjoni, l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li bl-aġir abbużiv u kriminali tiegħu meta abbuża sesswalment minnha fuq il-post tax-xogħol fiż-żmien indikat, il-konvenut ikkaġuna danni lill-attriċi li huma l-konsegwenza ta' debilità permanenti li hija sofriet kawża tal-aġir abbużiv tal-konvenut, kif ukoll qiegħda titlob il-likwidazzjoni tad-danni li hija sofriet u l-kundanna għall-ħlas da parti tal-konvenut.

Il-konvenut min-naħa tiegħu wieġeb li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, u dan stante li l-attriċi mhux veru li ġiet abbużata, iżda pparteċipat f'dawn l-atti b'mod volontarju. Hu jgħid li hu m'għandu l-ebda responsabbilità ċivili għall-allegazzjonijiet li għamlet l-attriċi, u li l-attriċi ma sofriet l-ebda danni. Il-konvenut talab ukoll li quddiem l-allegazzjoni li l-attriċi sofriet debilità permanenti, din għandha ġġib prova li hemm ness kawżattiv bejn l-imġiba tiegħu u l-kundizzjoni medika li allegatament qiegħda ssofri minnha l-attriċi.

## **Provi u riżultanzi**

L-attriċi ressqet għadd ta' provi dokumentarji mar-Rikors Maħluf tagħha, in sostenn tal-allegazzjonijiet u tat-talbiet tagħha. F'*fol.* 18 tal-proċess, l-attriċi esebiet kopja ta' ittra redatta mill-avukat tal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura li taħtu jaqa' r-Rehabilitation Projects Office fejn kienu jaħdmu l-partijiet, fejn sar riferiment għall-ilment li kienet ressqet l-attriċi, fejn irreferiet għall-allegazzjonijiet ta' abbuż sesswali li kawża tagħhom hi kienet għamlet talba formali sabiex tintbagħat taħdem x'imkien ieħor. L-attriċi esebiet ukoll kopja ta' ittra indirizzata lis-Sur Walter Attard, fl-Uffiċċju tad-Dixxiplina ġewwa l-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura[1], fejn sar riferiment għal dan l-abbuż sesswali u fejn l-avukat tal-attriċi talab li jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex l-attriċi tkun tista' tħossha sigura fuq il-post tax-xogħol tagħha. Ġiet esebita wkoll kopja tal-ittra li ntbagħtet lill-Kummissarju tal-Pulizija[2], fejn id-difensur tal-attriċi talab lill-Pulizija Eżekuttiva tieħu passi kontra Carmelo Desira in vista ta' każ ta' attentat ta' stupru vjolenti u molestja sesswali li sofriet l-attriċi fuq il-post tax-xogħol tagħha.

L-attriċi ppreżentat ukoll kopja ta' ittra ffirmata mill-psikjatra Mark Xuereb[3] li kkonferma li l-attriċi kienet qiegħda tieħu kura għal *post traumatic stress disorder*. L-ittra li ġiet redatta wara li l-psikjatra inkwistjoni kien ilu jara lill-attriċi għal għadd ta' xhur, tgħid hekk:

> *"She has been unwell due to alleged sexual abuse by a colleague. This incident has compromised her psycho-social functioning to a significant extent: Romina struggles to concentrate, she becomes sad and suffers from panic attacks.*

[1] Din l-ittra tinsab a fol. 19 tal-proċess.
[2] *A fol.* 20 tal-proċess.
[3] *A fol.* 23 tal-proċess.

> *Despite being on the mend, she will require ongoing therapy and periods of medication. She has been assessed for percentage psychological disability by applying the GAF (Global Assessment Function) and PSTD scales. Her disability amounts to 5-10%."*

Il-Qorti semgħet għadd ta' xhieda li ġew imressqa mill-partijiet. Fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2015 xehdet **Mariella Swain**[4]**,** psikoterapista, li qalet li rat lill-attriċi diversi drabi wara li din ġiet riferuta għandha mill-psikjatra Dr Mark Xuereb. Ix-xhud tgħid li l-attriċi kienet qaltilha li l-problema li kellha mmanifestat ruħha wara li ġiet esposta għal esperjenza trawmatika fuq il-post tax-xogħol tagħha u wara li saru atti sesswali fuqha minn kollega tagħha. Konsegwenza ta' dan kien hemm riperkussjonijiet fuq is-saħħa mentali u fiżika tagħha:

> "F'Romina kien jidher ċertu nervożiżmu, kien hemm ħafna żbilanċ ta' emozzjonijiet, kienet tidher li kienet għaddejja minn esperjenza ta' *distress* u ta' ansjetà u anke fiżikament kienet tbati minn ħafna *panic attacks*, minn nuqqas ta' rqad, qtugħ ta' nifs, biżgħat kbar u anke l-ħajja tagħha ġiet affettwata f'kull aspett. Ġiet affettwata anke r-relazzjoni tagħha mar-raġel tagħha minħabba li tilfet anke s-sens ta' fiduċja, dak is-sens ta' *trust* fil-ħajja u fil-komunità umana tilfet ħafna minnu.

Ix-xhud qalet li mill-profil li hi bniet tal-attriċi dehrilha li hi mara diċenti u ta' ċertu valuri, u li dawn l-atti ma setgħux ġraw bil-kunsens tagħha. Hi qalet li kienet ġiet mgħarrfa li l-attriċi kienet qiegħda tieħu ċerta kura, iżda li din kienet amministrata mill-psikjatra Mark Xuereb u mhux minnha.

Fl-udjenza tat-22 ta' Frar, 2016 xehed l-**Ispettur Joseph Busuttil**[5] mill-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji, li kkonferma li kien hu li investiga lill-konvenut b'rabta ma' allegazzjonijiet li offenda l-morali f'post pubbliku, li kkommetta attentat

---

[4] *A fol.* 27 sa 29 tal-proċess.
[5] *A fol.* 34 sa 42 tal-proċess.

vjolenti fuq il-persuna tal-attriċi u li taha fastidju. Ix-xhud qal li l-ewwel darba li ħa stqarrija mingħand il-konvenut dan ma kienx ammetta għal dak li kien għamel, iżda fit-tieni stqarrija kien ammetta kollox. Konsegwenza ta' dan, kien weħel tnax-il xahar ħabs sospiżi għal sentejn u *protection order* taħt l-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-attriċi. Ix-xhud ikkonferma li hu kien kellem lill-partijiet diversi drabi, u li hu kien ġie mgħarraf mill-konvenut li l-attriċi kienet tgħid ċertu diskors bħal *'sweet'*, *'love'* li lilu kienu 'jqanqluh'. Ix-xhud qal li mill-investigazzjonijiet irriżultalu li din il-ħaġa kienet ilha għaddejja, u li l-attriċi kienet intbagħtet f'post tax-xogħol ieħor riżultat ta' dak li ġara, għalkemm ma setax jikkonferma jekk talbitx hi li tiġi ttrasferita jew inkella ġietx ittrasferita sabiex jiġi evitat aktar kuntatt mal-konvenut. Ix-xhud qal li meta l-attriċi għamlet kwerela li ntbagħtet lill-Pulizija, hi kienet diġà għamlet rapporti interni fid-dipartiment fejn kienet impjegata. Ix-xhud ikkonferma wkoll li minn dak li rriżultalu, il-partijiet kellhom rapport soċjali bejniethom anki barra l-ħinijiet tax-xogħol, tant li kien hemm ċirkostanzi fejn il-konvenut wassal lill-attriċi u lir-raġel tagħha għal funeral, u kien ġie mistieden id-dar tagħhom.

Matul dawn il-proċeduri, ġew esebiti l-istqarrijiet li għamel il-konvenut, l-ewwel waħda fejn bażikament ċaħad kollox, u t-tieni stqarrija[6], fejn hu ta risposti lill-Pulizija dwar dak li kien ġara bejn il-partijiet:

> "Jien ftakart li mhux darba kienet ġiet id-dar tiegħi imma darbtejn u kull meta ġiet kienet ġiet mar-raġel tagħha Joey. Meta kont nieħu xi *sick* jew *leave*, hija kienet tgħidli li timmissjani għaliex miegħi kienet tgħid kelma jew hekk. ... *omissis* ... Darba kienet għamlet *operation* u minħabba din ma setgħetx terfa'. Hija kienet tgħidli biex immur ngħinha biex iġġorr il-basket. Jista' jkun li ġara li meta konna morna għal *drink* fi żmien il-Milied fil-bini ta' ħdejna li semmejtli l-bieraħ jien

[6] *A fol.* 47 *et seq.* tal-proċess

> kont ippruvajt inbusha għax kont xi naqra mlaħlaħ. Hija kienet resqet lura u ma riditx. Din għandha vizzju li lill-irġiel tgħajtilhom *sweet, love* u affarijiet hekk u titfa' l-botti u lili kienet tqanqalni xi naqra."

Il-konvenut ikkonferma mal-Pulizija li meta lill-attriċi darba kienu tqattgħulha t-*tights* hi kienet bagħtitu jixtrilha par ieħor, u li wara hu kien ipprova jdaħħal idejh minn taħt id-dublett, u li l-attriċi kienet talbitu joqgħod kwiet. Madanakollu kien hemm drabi meta l-attriċi kienet tkompli miegħu. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet waħda ta' ċerta kunfidenza, tant li l-attriċi kienet titkellem fil-miftuħ dwar il-fatt li ma kellhiex tfal, u kien hemm drabi, skont kif irrisponda l-konvenut għad-domandi li sarulu mill-Pulizija, meta l-partijiet kienu jagħmlu affarijiet li jindikaw li kien hemm ċerta intimità bejniethom, bħal meta l-attriċi kienet marret bilqiegħda fuq il-konvenut. "Hija kienet tgerger għar-raġel tagħha għax hu jżomm mal-familja tiegħu. Jien ħassejt li hi kienet titfa' l-botti u tatni x'nifhem ħażin u għalhekk darba kienet bilqiegħda fuq saqajja u jien meta ġieni ċ-ċans żammejtha u missejtilha sidirha." Hu qal li hi ma kinitx waqqfitu, anzi baqgħet bilqiegħda fuqu.

Il-Qorti kellha l-opportunità tisma' lill-psikjatra kuranti tal-attriċi fl-udjenza tat-22 ta' Frar, 2016, il-psikjatra Mark Xuereb[7], li kkonferma li hu jara lill-attriċi madwar darba fix-xahar, u dan beda jiġri wara li hi allegat abbuż, *petting* mhux mixtieq u anki fornikazzjoni. Il-psikjatra qal hekk dwar dak li kienet għaddejja minnu l-attriċi:

> "Hija persuna li kienet għaddejja minn ħafna problemi personali ta' saħħa, fil-familja. M'hemmx għalfejn nidħol f'ħafna dettalji għall-fini tal-persuna. Però qed ngħid hekk mhux biex inxejjen jew indgħajjifha, because she was already under a

[7] *A fol.* 55 sa 62 tal-proċess.

> lot of stress. This was another stressor ... one's defences ikunu faulty ... Is-sinjura hija persuna vulnerabbli fis-sens li diġà kienet għaddejja minn problemi psiko soċjali u personali. Allura meta jiena rajtha, diġa kellha baggage mar-relatives tagħha u anke fuq ix-xogħol. Meta rajtha what struck me was this. Li l-vulnerabbilità tal-persuna mhux ta' dgħufija imma l-mod tal-persuna ma tkunx tista' tgħid stop jew no. Fl-ambitu tal-psikjatrija, when you feel helpless bażikament tgħid this is one of the many stresses which life is throwing at me. Jiġifieri basically qed nipprova nenfasizza l-fatt li din kienet helpless u meta jkollok lil xi ħadd depressed, which she is, u tibqa' tilqa' and you come to a stage that you don't react."

Ix-xhud ikkonferma li l-attriċi kellha problemi oħra li wħud minnhom bdew qabel ma beda dan l-allegat abbuż, u li wħud minnhom kienu naxxenti minn problemi oħra li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ odjern. Madanakollu, ix-xhud spjega li:

> "She was surrendering to the situation, mhux għax kienet tikkonsenti, differenza. Diġà kellha l-istat psikoloġiku ta' stress. Qed nipprova nagħti raġuni għaliex hi, she didn't put up her defences. Li hu żgur fil-kompitu tiegħi li ngħid u nenfasizza li din persuna vulnerabbli. Iktar if anything prone, open to being abused. The reason is because of her psycho-social stresses jiġifieri this is not a woman who wants to engage, in my opinion, in sexual affairs. This is a woman who's clutching at straws because she already had problems jiġifieri jekk hemm xi ħadd who wants to basically offer help, she wouldn't be able to realise at that moment. Dan mhux stat ta' ġenn, mhux stat mentali, it's called helplessness and hopelessness which are two classical symptoms of post traumatic stress disorder and anxiety under pressure."

Mistoqsi in kontroeżami, ix-xhud ikkonferma li hu kien ra lill-attriċi professjonalment anki qabel dan l-inċident u li hi minn dejjem kienet suxxettibbli għall-ansjetà u kien iqisha bħala persuna vulnerabbli. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-attriċi kienet kapaċi timpjega ruħha qabel dan l-inċident u baqgħet taħdem anki wara, anki jekk ġew ġranet li fihom sabitha diffiċli li tkompli b'ħajjitha.

Il-kontroeżami ta' **Carmelo Desira** sar fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2016[8], u min-naħa tiegħu dan ikkonferma li hu kien jaf lill-attriċi minħabba li kienu jaħdmu flimkien fl-istess uffiċċju governattiv. Ix-xhud ikkonferma li hu kien ammetta għall-akkużi miġjuba kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u li kien ingħata sentenza li ma appellax minnha.

L-attriċi xehdet bil-mezz tal-*affidavit*[9] fejn allegat li l-abbuż sesswali ma seħħx fl-*area* tar-*reception*, iżda fi kmamar oħra li huma l-i*store room* fil-*ground floor*, il-kċina, u l-kamra tal-banju li hemm fil-*ground floor* fl-istess uffiċċju, u dan minħabba li fir-*reception area* hemm *camera*. Qalet li l-ewwel darba li rat fastidju mill-konvenut kien fil-bidu ta' Diċembru 2011 meta kienu tqattgħulha t-*tights* li kienet liebsa u peress li riedet tmur funeral, daħlet tbiddel fil-*bathroom*. Hi allegat li hekk kif ħarġet mill-kamra tal-banju sabet lil Carmelo Desira li qabad u daħħal idu minn taħt id-dublett tagħha. It-tieni okkażjoni kienet wara invit li kien sar minn uħud mill-impjegati fl-istess uffiċċju għad-*drinks* tal-Milied, u kompla għaddej sa Marzu 2012, meta l-konvenut ipprova jbusha fuq xofftejha u hi ma ħallitux. Hi qalet li lill-konvenut kienet turih li mhix tieħu gost b'dawn l-avvanzi, iżda minkejja dan il-fastidju kompla bejn Mejju u Diċembru tal-2012, meta l-konvenut kien joqgħod jaqbad id-diskors fuq ċerti affarijiet u jagħti fastidju b'mod ġenerali.

> "Hu beda kull darba li jsib ruħu waħdu miegħi jew jaqbadni minn fuq il-ħwejjeġ jew jiġbidni fuqu jew agħar minn hekk kien idaħħal idejh fil-partijiet privati tiegħi u anke jmissli sidri."

[8] *A fol.* 65 sa 66 tal-proċess.
[9] *A fol.* 69 sa 71 tal-proċess.

L-attriċi ddeskriviet atti li kien jagħmel il-konvenut meta kien isib ruħu waħdu mal-attriċi u tat dettalji dwar l-imġiba tiegħu. Jidher li kien hemm anki diskors mhux mixtieq li kien jgħid il-konvenut:

> "Jiena kont dejjem nitkellem miegħu minn mindu ġie fid-dipartiment u qatt qabel ma tani xi tip ta' fastidju. Konna nitkellmu ta' tnejn min-nies adulti. Jiena ġieli tkellimt miegħu xi affarijiet bħalma ġieli kellimtu bħala persuna adulta u ta' ċertu età. Qatt ma ħsibt li se jasal sa hawnhekk. Jiena għaddejt minn żmien diffiċli fil-ħajja kemm ta' mard personali u fil-familja kif ukoll problemi oħra u l-aġir ta' Desira kompla jżidli mal-problemi.
>
> Sabiex jiena naqta' kull kuntatt ma' Carmelo Desira jiena saħansitra lanqas bqajt inkellmu fuq il-post tax-xogħol. Lanqas nirrispondieh ġieli jgħidli x'jgħidli. L-atmosfera ta' fuq ix-xogħol iddiġenerat għalija billi jiena ma nħossnix komda fuq il-post tax-xogħol b'persuna li aġixxa hekk miegħi. Iddeċidejt li sar iż-żmien li nirrapporta kollox dan kollu għaliex ma nħossnix sigura fuq il-post tax-xogħol apparti li issa jidhirli li qiegħed għaddej ukoll kliem fil-konfront tiegħi li jkompli jdejjaqni."

Fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 2016 xehed **Joseph Massa**[10], ir-raġel tal-attriċi, li qal li hu induna b'dak li kienet għaddejja minnu l-mara tiegħu meta sabha tibki waqt li kienet qiegħda titkellem ma' ħabiba Taljana tagħha. Hu kkonferma li bħala koppja hu u martu l-attriċi ġieli ltaqgħu soċjalment mal-konvenut u l-mara tiegħu, u li darba huma kellhom funeral u l-konvenut kien rikeb magħhom fil-karozza sabiex jurihom minn fejn iridu jgħaddu sabiex jaslu għall-knisja. Ix-xhud spjega li dakinhar tal-funeral inkwistjoni hu kien mar fuq il-post tax-xogħol ta' martu, l-attriċi, u hekk kif ġie wiċċ imb wiċċ mal-konvenut staqsa lilu minn fejn l-aħjar li kellu jgħaddi biex jasal il-knisja ta' Ħal Qormi, minħabba li l-konvenut kien familjari mal-post.

[10] *A fol.* 75 sa 79 tal-proċess.

Fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2017, xehdet il-**perit Mireille Fsadni**[11] li hi Chief Architect u Kap tar-Rehabilitation Project Office fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, li qalet li l-attriċi kienet taħdem bħala *receptionist* u *customer care assistant* u li fuq ix-xogħol hi kienet "*friendly* ma' kulħadd". Ix-xhud ikkonfermat li l-attriċi kienet ilha li telqet mill-uffiċċju inkwistjoni sa mis-sena 2013 jew 2014, u li kienet marret taħdem xi mkien ieħor. Mistoqsija jekk hi bħala Kap fil-post tax-xogħol fejn kienet impjegata l-attriċi, qattx ġiet infurmata li l-attriċi għandha xi problemi jew kinitx qiegħda tbati minn xi ħaġa, ix-xhud wieġbet hekk:

> "Jien qatt ma ġiet quddiemi li għandha xi ħaġa, *no.* Uffiċjalment ma kelli xejn. Aħna ġieli jkollna ħaddiema *on light duties* u jkollna ċertifikati jiġifieri f'dan il-każ qatt ma kelli xi ċertifikat li jgħid li d-*duties* tagħha jridu jkunu mibdulin għal xi raġuni jiġifieri."

Ix-xhud kompliet tgħid hekk dwar ix-xogħol tal-attriċi wara l-2014:

> "Hi ma waqfitx, hi ġiet rilokata f'uffiċċju jew sezzjoni oħra fil-Works Division. Jiġifieri hi mhux waqfet bħala ħaddiem tal-Works, ġiet assenjata x'imkien ieħor."

Ix-xhud qalet li hi saret taf bl-allegazzjonijiet tal-attriċi meta darba fost l-oħrajn kienu ospitaw laqgħa fl-uffiċċju fejn kienu jaħdmu u l-konvenut dakinhar ma kienx attenda għax-xogħol. Kien proprju dakinhar li x-xhud saret taf bl-allegazzjonijiet tal-attriċi u li l-partijiet kienu ġġieldu. Ix-xhud ikkonfermat li wara li saret taf bl-allegazzjonijiet tal-attriċi, ix-xogħol tal-attriċi kien baqa' l-istess, u li xi żmien wara l-attriċi ġiet assenjata xi mkien ieħor. Ix-

[11] *A fol.* 90 sa 96 tal-proċess.

xhud qalet ukoll li sakemm baqgħet taħdem fl-uffiċċju tal-Works Division, l-attriċi qatt ma kellha ċertifikati minħabba mard.

Fl-istess udjenza xehed **Joseph Saliba**[12], rappreżentant ta' Jobsplus, li esebixxa l-*employment history* tal-attriċi minn meta bdiet taħdem fl-1991 sal-preżent. Id-dokument esebit jindika li sa mill-bidu tal-ħajja lavorattiva tagħha, l-attriċi dejjem baqgħet impjegata fil-grad ta' *clerk* fiċ-Ċivil, għalkemm jidher li bidlet id-dipartimenti li kienet impjegata fihom.

L-attriċi ġiet prodotta in subizzjoni fl-udjenza tal-20 ta' Frar, 2017, u din xehdet[13] li fil-preżent hi impjegata bħala *clerk* ġewwa l-Occupational Health and Safety Unit fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura. L-attriċi kkonfermat li hi ilha f'din l-iskala sa minn meta bdiet taħdem maċ-Ċivil, fl-1996. Mistoqsija, ix-xhud ikkonfermat li hi għaddiet minn perijodu diffiċli f'ħajjitha, fost l-oħrajn kienet għamlet operazzjoni, kellha r-raġel ma jaħdimx għal xi żmien, u kellha problemi minħabba li l-ġenituri tagħha kienu jiddependu minnha. Dan kollu lilha affettwaha psikoloġikament, kif ikkonfermat hi stess. Ix-xhud iddeskriviet in-natura tal-problemi li għaddiet minnhom tul iż-żwieġ, fosthom il-fatt li għal xi żmien hi kienet l-unika *breadwinner* fid-dar, kif ukoll il-fatt li l-ġenituri tagħha għamlu żmien deħlin u ħerġin l-isptar, bil-piż kollu jaqa' fuqha minħabba li hi tifla waħedha. Qalet ukoll li dwar dawn il-problemi kien hemm drabi meta hi fetħet qalbha ma' monsinjur partikolari li kien ilu jafha minn meta kienet tifla. Dwar il-mod kif affettwaha l-inċident mal-konvenut, l-attriċi qalet hekk:

---

[12] *A fol.* 83 sa 84 u 97 sa 98 tal-proċess.
[13] *A fol.* 104 sa 120 tal-proċess.

> "Ifhem sa qabel inqala' l-inċident, għalkemm kien hemm dawn il-problemi, ma kinux jaffettwawni psikoloġikament kif qiegħda affettwata llum wara t-trawma."

L-attriċi spjegat x'ġara f'inċident partikolari meta hi kellha bżonn tattendi funeral wara l-ħin tax-xogħol, u waqt li kienet xogħol tqattgħulha t-*tights.* Dakinhar hi kienet talbet lill-konvenut biex jixtrilha par *tights* ġodda waqt li kien ħiereġ jagħmel il-qadi tax-xogħol. Mistoqsija jekk dan hux indikattiv tal-livell ta' kunfidenzi li kien hemm bejn il-partijiet, l-attriċi qalet li hi ma tara xejn ħażin fil-fatt li talbet kollega tagħha jixtrilha par *tights* waqt li kien qed jagħmel il-qadi tal-uffiċċju.

Fl-udjenza tat-3 ta' April, 2017 xehed l-**Ispettur Joseph Busuttil**[14], li xehed li meta l-konvenut kien ġie mixli b'akkużi kriminali, waħda mill-aggravji kienet li r-reat kien sar fuq persuna li kellha debilità fiżika jew mentali. Madanakollu x-xhud ma setax jiftakar ir-raġuni li għaliha kien tniżżel dak l-aggravju.

Xehed ukoll **Rodney Micallef**[15] permezz ta' *affidavit* li kien jaħdem ir-Rehabilitation Projects Office fix-xhur tas-sajf, li qal li filwaqt li fl-ewwel snin li kien imur jaħdem hemm hu kien iħoss li hemm atmosfera sabiħa fl-uffiċċju, fit-tielet sajf li hu mar jaħdem hemm ħass li kien hemm xi ħaġa li nbidlet. L-attriċi ma baqgħetx il-persuna li kienet qabel, tieħu ħsieb torganizza u tissoċjalizza ma' sħabha, u meta darba minnhom sabha tibki fir-*reception area,* hu kien iddeċieda li jistaqsiha x'kien ġralha. Kien hawnhekk li l-attriċi qaltlu li kienet għaddejja minn diversi problemi minħabba li r-raġel ma kienx qed jaħdem u kien hemm ukoll problemi oħra, filwaqt li qaltlu wkoll li l-konvenut kien qiegħed jagħtiha fastidju sesswali fuq ix-xogħol u jgħaddi ċerti

[14] *A fol.* 124 sa 127 tal-proċess.
[15] *A fol.* 132 tal-proċess.

kummenti dwar kif tkun liebsa. Dwar l-atmosfera fl-uffiċċju u dak li nnota hu, ix-xhud qal hekk:

> "Wara li beda jinduna b'dawn l-affarijiet beda jinnota saħansitra lil Carmel Desira jinżel mill-garigor ta' wara u mhux tat-taraġ prinċipali meta kien jinżel fir-*reception.* Dan il-garigor kien jiġi eżatt mat-*toilet* ta' Romina u ma kienx jidher mill-*camera* CCTV. Hu ma kienx ikun jaf eżatt fejn Desira kien ikun sejjer u għaliex kien joqgħod jinżel isfel ta' spiss, però darba Romina kienet qaltlu li kien joqgħod jistenniha barra t-*toilet* tagħha u wasal anke fl-estrem li jpoġġilha idejha fuq il-parti privata tiegħu. Kien ukoll imissilha l-partijiet privati tagħha u kien jgħidilha biex tagħmel atti sesswali oħra miegħu."

Il-Qorti kkunsidrat ir-rapport imħejji mill-konsulent psikjatra **Etienne Muscat**[16], maħtur mill-Qorti sabiex jeżamina lill-attriċi u jirrelata dwar il-każ. L-espert mediku maħtur mill-Qorti ddeskriva fid-dettall x'kien dak li għaddiet minnu l-attriċi, u kif dak li ġara affettwalha kemm diversi aspetti tal-ħajja tagħha, kif ukoll saħħitha.

> *"... she is struggling to sleep, and feels physically tired ... She says that she feels mentally slowed ... She describes having become very sensitive, emotionally fragile and easily tearful ... Ms Fenech Massa reports that she is mainly sad* 'dwar il-każ', *denies that the ongoing issues re infertility and its treatment are a source for this sadness."*

L-espert mediku rrelata li l-ewwel darba li l-attriċi kellha bżonn tikkonsulta ma' psikjatra kien daqs sentejn qabel, proprju ftit wara l-inċidenti inkwistjoni. L-espert mediku ddeskriva t-tip ta' mediċina li tieħu l-attriċi u għamel evalwazzjoni tal-istat mentali tagħha, partikolarment in vista ta' dak kollu li kienet qaltlu waqt l-inkontru li kellu magħha. Il-konklużjoni tal-espert mediku maħtur mill-Qorti kienet li:

---
[16] *A fol.* 141 sa 146.

> *"I thus feel taht Ms Fenech Massa has an established emotional syndrome, with features typical for a post-traumatic stress disorder, and which in my view is consistent with the consideration of Phobic Anxiety Symptoms with Avoidance Behaviour according to the proposed European Disability Rating Scale 2003, and which carries a permanent disability adjudged to be 5%."*

L-eskussjoni tal-espert mediku maħtur mill-Qorti saret fit-2 ta' Frar, 2018.[17] Ix-xhud ikkonferma li hu kien iltaqa' mal-attriċi darbtejn, u li min-naħa tiegħu ma setax jikkonferma li kien hemm sintomi ta' mard mentali qabel seħħ l-akkadut. Mistoqsi jekk il-5% diżabilità li hu kkonkluda li sofriet l-attriċi, kinitx riżultat dirett ta' dan l-inċident partikolari, jew inkella kienx hemm fatturi oħra f'ħajjet l-attriċi li kkontribwew għall-bidliet li hi lmentat minnhom f'saħħitha u f'ħajjitha, ix-xhud wieġeb illi:

> "*I felt it was up to five per cent (5%) given by the criteria we had.* Jiġifieri *there was a change in her behaviour. There was an enduring change in her behaviour. It seems to have been linked to an episode that happened at that time she told me about it but it wasn't so severe that it had taken all aspects of her life. It was affecting all aspects of her life but it was not taking over. She could still work, she could still love, she could still live."*

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

Il-Qorti evalwat fil-fond il-provi li tressqu quddiemha, mhux l-anqas minħabba li temmen fis-sħiħ li dak kollu li ġara bejn il-partijiet wassal biex anki jekk l-attriċi kellha problemi psikoloġiċi minn qabel seħħew l-episodji mertu tal-kawża, dawn il-problemi intensifikaw bil-fastidju sesswali da parti tal-konvenut. Il-Qorti qed tgħid dan minħabba f'dak li xehdu kemm il-psikjatra kuranti tal-attriċi Dr Mark Xuereb kif ukoll l-espert mediku Dr Etienne Muscat

[17] *A fol.* 152 sa 156 tal-proċess.

maħtur mill-Qorti stess, li t-tnejn qablu li l-attriċi qiegħda ssofri minn kundizzjoni post-trawmatika kawża ta' dak kollu li għaddiet minnu minħabba l-aġir tal-konvenut.

Il-Qorti tqis illi hemm ness kawżattiv bejn l-għemil doluż tal-konvenut u l-ħsara psikoloġika li sofriet u li għadha qiegħda ssofri l-attriċi, liema ħsara kkawżatilha debilità permanenti kif ikkonfermat kemm mill-psikjatra Dr Mark Xuereb, kif ukoll mill-espert mediku maħtur mill-Qorti Dr Etienne Muscat li wasal għall-konklużjoni li l-attriċi qiegħda ssofri minn debilità permanenti ta' ħamsa fil-mija (5%) konsegwenza tal-molestji sesswali da parti tal-konvenut. Huwa ċar li mingħajr l-*istressors* riżultanti mill-imġiba tal-konvenut, l-attriċi ma kinitx issofri din id-debilità permanenti, u din il-Qorti tinsab moralment konvinta li kieku ma kienx għall-imġiba tal-konvenut li baqa' jippersisti bl-avvanzi tiegħu anki meta l-attriċi wrietu li ma kinitx qiegħda tkompli miegħu jew li dawn l-avvanzi ma kinux mixtieqa, l-attriċi ma kinitx tispiċċa fis-sitwazzjoni psikoloġika li spiċċat fiha. Huwa minnu li kif xehed il-psikjatra Dr Mark Xuereb, l-attriċi setgħet kienet suxxettibbli jew predisposta għal problemi psikjatriċi minħabba problemi oħra li kellha f'ħajjitha, iżda huwa ċar ukoll li t-trawma u l-effetti psikoloġiċi fuq l-attriċi intensifikaw wara li għaddiet mill-episodji ta' fastidju da parti tal-konvenut, liema avvanzi hi ma felħitx tiġġieled biex twaqqafhom.

In linea ta' prinċipju intqal diversi drabi mill-Qrati tagħna li:

> "Hu imprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża."[18]

[18] Vol. XLIV P.I pg. 343.

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Agius *vs.* Busuttil**[19], il-Qorti qalet illi:

> "Illi sabiex tirnexxi azzjoni għad-danni jridu jiġu ppruvati erba' elementi:
>
> (i) Il-fatt dannuż illeċitu;
> (ii) L-imputabbilità tal-istess fatt għal min ikun għamlu;
> (iii) Id-dannu kkaġunat minn dan l-istess fatt; u
> (iv) Id-dolo jew culpa da parti ta' min ikun għamlu."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Bugeja *vs.* Gatt**[20], il-Qorti stabbiliet illi:

> "min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew omissjoni għandhom konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti."

Il-konvenut ammetta u diġà nstab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li kkommetta atti dolużi fil-konfront tal-attriċi, liema sentenza hu għażel li ma jappellax minnha, u għalhekk m'hemm l-ebda ombra ta' dubju dwar il-ħtija tiegħu fir-rigward tal-akkadut. Il-Qrati tagħna diversi drabi rritenew li imputazzjoni fi proċeduri kriminali tammonta għal prova f'kawża ċivili għad-danni, bħalma hu l-każ inkwistjoni. Hekk pereżempju, fil-kawża fl-ismijiet **Dr Wilfred Galea et *vs.* Violet Debono et**[21], il-Qorti qalet illi:

> "Meta l-konvenut ikun issokkomba fil-ġudizzju kriminali għax jammetti l-imputazzjoni tal-ammissjoni, fil-każ ta' ġudizzju f'kawża ċivili għad-danni, tikkostitwixxi prova, mhux bħala prova in sede kriminali estensibbli għall-ġudizzju ċivili, imma bħala konfessjoni, jiġifieri bl-istess mod kif kienet tkun produċibbli bħala prova konfessjoni bil-miktub magħmula band'oħra jew anke konfessjoni verbali."

---

[19] Q.A., 14.12.1982.
[20] App. (Inf.), 20.10.2003.
[21] Q.A., 27.01.2006.

L-attriċi sofriet danni minħabba fit-trawma li għaddiet u li għadha għaddejja minnha minħabba l-għemil doluż tal-konvenut. Dak li ġara wassalha biex tibda tiffrekwenta sessjonijiet ta' psikoterapija u ta' kura psikjatrika, kif ukoll sofriet u għadha ssofri minn limitazzjonijiet fil-ħajja tagħha ta' kuljum, riżultat dirett tal-fatt li anki l-personalità tagħha nbidlet minn persuna allegra u soċjevoli għal persuna li tibda tibki meta tirrakkonta dak li għaddiet minnu, u li tfittex il-kwiet, kif ikkonstata l-espert mediku maħtur mill-Qorti Dr Etienne Muscat. M'hemmx dubju li l-attriċi, bi ħtija tal-konvenut, ġarrbet ħsara fl-integrità tal-persuna tagħha, u għalhekk il-konvenut hu obbligat iħallas id-danni għal din il-ħsara.

Il-prinċipji regolatorji fil-kuntest ta' likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' danni, huma ben noti. L-attriċi fetħet din il-kawża minħabba li qiegħda tippretendi l-ħlas ta' danni ċivili kawża ta' dak kollu li għaddiet minnu. L-artikolu tal-liġi rilevanti għat-talbiet tal-attriċi huwa l-artikolu 1045 (1) tal-Kap.16, li qabel l-emendi riċenti kien jaqra hekk:

> "Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib."

Wara l-introduzzjoni tal-emendi li daħlu fis-seħħ bis-saħħa tal-Att XIII tal-2018, żdied dan id-dispost wara dan l-artikolu:

> "Iżda fil-każ ta' danni kkawżati minn reat kriminali, id-dannu li jrid jiġi riparat għandu jinkludi wkoll dannu morali u, jew psikoloġiku kkawżat lill-parti li tbati l-ħsara."

L-emendi riċenti fil-liġi tagħna huma maħsuba biex jifformalizzaw u jirriflettu dak li l-Qrati tagħna ilhom snin jaħsbu għalih. L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar 'telf effettiv' ilu snin jiġi interpretat b'mod li jkopri mhux biss il-ħsara patrimonjali li tista' ġġarrab persuna, iżda wkoll il-ħsara li tolqot l-integrità tal-persuna, inkluż id-danni psikoloġiċi li persuna tista' ssofri. Hekk pereżempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Zerafa et noe *vs.* Joseph Sacco et**[22], kien stabbilit:

> "Illum huwa ġeneralment rikonoxxut li kull diżabilità, anke jekk fl-apparenza ma għandha ebda effetti fuq il-kapaċità lavorattiva ta' dak li jkun, xorta waħda hemm dritt ta' kumpens billi qatt ma jista' jiġi eskluż l-effett dirett jew indirett fuq tali potenzjal."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Sultana *vs.* Anthony Abela Caruana**[23], il-Qorti qalet hekk:

> "Ma hemmx għalfejn jingħad li d-debilità permanenti ma kienx neċessarju li tkun waħda fiżika li timmenoma l-persuna fil-possibilitajiet tiegħu ta' xogħol minħabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setgħet ukoll tkun debilità psikika li timmanifesta ruħha f'kundizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapaċità għax-xogħol tal-individwu."

Fil-kawża odjerna l-attriċi ma ressqitx provi dwar danni ta' natura materjali sofferti minnha. Ma jirriżultax lanqas li konsegwenza ta' dak li għaddiet u li għadha għaddejja minnu, l-attriċi sofriet xi nuqqas ta' dħul finanzjarju mill-impjieg li għandha, u dan minkejja li kellha tibdel l-impjieg tagħha.

[22] Q.A., 01.12.2006.
[23] Q.A., 15.01.2002.

Madanakollu, jirriżulta b'mod manifest, mill-konklużjonijiet li waslu għalihom l-esperti psikjatriċi li eżaminaw lill-attriċi, li dak kollu li għaddiet minnu wassal biex hi ssofri debilità permanenti ta' ħamsa fil-mija (5%), u dan minħabba fil-*post traumatic stress disorder* li mmanifestat ruħha wara l-imsemmija episodji ta' fastidju sesswali da parti tal-konvenut.

Huwa magħruf li l-Qorti għandha latitudni wiesgħa meta tiġi biex tiddetermina l-quantum tad-danni f'kawżi ta' din ix-xorta. Dan kien rikonoxxut saħansitra mill-ġurista Taljan **Andrea Torrente**[24], li jgħid hekk:

> *"la valutazione del danno può essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. È giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo".*

Hawnhekk il-Qorti tħoss li għandha tagħmel riferiment ampju għas-sentenzi kopjużi ta' dawn il-Qrati sabiex kemm jista' jkun tasal għal ammont ta' danni likwidati li jkun jirrispekkja l-kriterji li ġew stabbiliti f'sentenzi simili li ngħataw diġà, anki għaliex huwa desiderabbli li jkun hemm grad ta' uniformità f'dawn it-tip ta' sentenzi.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali li kienet tirċievi l-attriċi fis-sena 2015, il-paga minima nazzjonali stabbilita, u dan fid-dawl tal-fatt li l-attriċi ma ġabet l-ebda prova dwar id-dħul tagħha f'dak il-perijodu. Il-paga minima nazzjonali fis-sena 2015 kienet ta' €8,645.52 fis-sena. Din il-paga trid tiġi aġġustata u togħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier* li ser tistabbilixxi din il-Qorti, kif ukoll abbażi tar-rata tal-inflazzjoni stabbilita bħala

---

[24] **Manuale di Diritto Privato** (11 Ed. Pg. 652).

l-medja fuq perijodu ta' ħames snin. Spiss il-Qrati tagħna jużaw il-paga minima fejn mhux faċli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi ċifra oħra. Is-salarju gross fis-sena bażi 2015 li kienet mistennija li taqla' persuna li ddaħħal il-paga minima nazzjonali hu fl-ammont ta' €8,645.52 li meta jitnaqqsu minnha l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tammonta għal €7,335.64. Normalment il-paga nazzjonali titla' b'€135.41 kull sena.[25] Dan ifisser li fuq medda ta' tnejn u għoxrin (22) sena[26], il-paga tal-attriċi kienet ser tiżdied bi €2,979.02 għal €10,314.66. Li kieku wieħed kellu jieħu l-medja ta' dan, €7,335.64 + €10,314.66 / 2, is-salarju medju tal-attriċi jkun mistenni li jammonta għal €8,825.15. Dan l-ammont irid jiġi aġġustat ukoll skont ir-rata tal-inflazzjoni[27], li bħala medja f'dawn l-aħħar ħames snin kienet ta' 0.96% fis-sena[28], sabiex b'hekk is-salarju medju tal-attriċi kien mistenni li jkun ta' madwar €10,689.02.

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali. F'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[29], il-Qorti qalet hekk:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler *vs.* Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li

---

[25] Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.71. F'dawn l-aħħar 10 snin il-paga minima nazzjonali żdiedet b'€26.04 fil-ġimgħa minn €146.47 (2009) għal €172.51ċ (2018).
[26] Il-*multiplier* li ġie ffissat mill-Qorti.
[27] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech *pro et noe*,** il-Qorti stabbilit illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*."
[28] Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont l-NSO {1.38%(2013) + 0.31%(2014) + 1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) ÷ 5= 0.96%}.
[29] P.A., 10.05.2005.

> l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler *vs.* Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 22 fiċ-ċirkostanzi huwa wieħed ġust tenut kont tal-fatt li l-attriċi għad trid taħdem almenu sal-età ta' ħamsa u sittin sena sabiex tilħaq l-età pensjonabbli tagħha. F'dan il-każ ukoll, il-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-attriċi ġie stabbilit mill-espert psikjatriku appuntat mill-Qorti Dr Etienne Muscat, li kien ta' 5%. Dan l-ammont irid jitnaqqas b'20% in vista tal-fatt li l-ħlas mill-konvenut ser isir f'darba, biex b'hekk l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas lill-attriċi huwa ta' **€9,406.34**.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.**

2. **Tiddikjara li l-konvenut bl-aġir doluż tiegħu meta huwa abbuża sesswalment mill-attriċi fuq il-post tax-xogħol fiż-żmien indikat, ikkaġuna danni lill-attriċi, liema danni huma l-konsegwenza ta' debilità permanenti li hija sofriet minħabba f'hekk;**

3. **Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attriċi fis-somma ta' disat elef erba' mija u sitt Euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€9,406.34) u tordna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sal-ħlas effettiv, a karigu tal-konvenut.**

Moqrija.